IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA

Brussel, 27.09.2004
KOM(2004)611 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**fuq il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra Mġiba Ħażina Korporattiva u Finanzjarja**

MT MT

## 1. Introduzzjoni

Dan l-aħħar, numru ta' skandli kkawżaw inċertezza kbira fis-swieq kapitali, tant illi dawn għamlu ħsara kbira lill-ekonomija ġenerali. F'sena waħda, l-azzjonisti ta' l-Enron tilfu madwar 67 biljun dollaru Amerikan; dan wassal biex il-ħaddiema u l-ex-ħaddiema jirċievu benefiċċji ta' rtitar li kienu tassew miżeri[1]. Il-kapitalizzazzjoni tas-suq tal-Parmalat iddeprezzat b'aktar minn 90% f'inqas minn tliet xhur. L-Enron, il-Parmalat u mingħajr l-ebda dubju kumpaniji oħrajn użaw u se jkomplu jużaw strutturi kumplessi u mhux trasparenti, inklużi kumpaniji sussidjarji f'ċentri finanzjarji li jkunu *offshore* (OFC), Mezzi ta' Għan Speċjali (SPV) u transazzjonijiet finanzjarji kumplessi, ħafna drabi bil-parteċipazzjoni ta' terzi partijiet, biex inaqqsu t-trasparenza tal-ħidmiet tagħhom quddiem l-investituri. Ir-riskju ta' din l-imġiba għandha titnaqqas.

Il-Pjan ta' Azzjoni tas-Servizzi Finanzjarji (FSAP) u l-Pjan ta' Azzjoni għal-Liġi tal-Kumpaniji u l-Kontroll Korporattiv (Pjan ta' Azzjoni)[2] diġà qed jagħtu t-tweġiba ta' politika tajba għal qafas effettiv ta' l-UE biex ikunu ttrattati ħafna minn dawn il-problemi finanzjarji li tqajmu minħabba dawn l-iskandli riċenti. Ma jidhirx li hemm ħtieġa biex dawn il-pjani jinbidlu ħafna jew inkella li jiżdiedu oħrajn magħhom; iżda li jkun żgurat li dawn ikunu implimentati f'waqthom u li jkun hemm superviżjoni stretta u kontroll effettiv ta' l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni. L-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa li jkun hemm avviċinament olistiku fuq il-mod kif għandu jitnaqqas ir-riskju ta' l-imġiba ħażina finanzjarja u korporattiva, li għandu jkopri wkoll it-tassazzjoni u l-infurzar tal-liġi.

## 2. Qafas konċettwali

Hemm erba' linji ta' "difiża" kontra l-imġiba korporattiva. <u>L-ewwel linja hija l-kontroll intern f'kumpanija</u>, l-aktar mill-membri tal-bord.

Fig. 1: Qafas konċettwali




[1] Los Angeles Times: "Enron is Proving Costly to Economy", 20 ta' Jannar 2002
[2] KUMM(1999)232 u KUMM(2003)284 finali

It-tieni linja ta' difiża hija primarjament l-awdituri. L-awdituri għandhom ikunu indipendenti u jiċċertifikaw li l-kontijiet tal-kumpanija jagħtu stampa reali u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha. Din il-linja ta' difiża tinkludi wkoll konsulenti eż. avukati ta' kumpanija, intermedjarji finanzjarji u banek ta' investiment meta dawn eż. jagħtu parir fuq kif jużaw l-iSPVs, l-*offshore* ta' kumpaniji inkorporati, joħorġu bonds eċċ. L-aġenziji ta' klassifika u l-analisti finanzjarji huma wkoll parti minn din il-linja ta' difiża. Il-problema urġenti hija li tkun żgurata t-trasparenza u li jitnaqqsu kemm jista' jkun – minn ta' l-anqas ikunu kkontrollati b'mod effettiv – kunflitti ta' interess. Eż. l-intermedjarji m'għandhomx jagħtu għajnuna billi joħorġu *bonds* tal-kumpanija, jekk huma konxji li kumpanija hija insolventi, kważi insolventi jew x'aktarx ma tkunx tista' tħallas lura l-istrumenti tad-dejn.

It-tielet linja ta' difiża hija s-superviżjoni. L-investituri bi dritt jistennew kontrolluri biex jiżguraw li l-liġijiet qed ikunu mħarsa. Madankollu, l-iskandli ta' dan l-aħħar urew għan għal titjib, inkluża l-kooperazzjoni bejn il-kontrolluri bejn oqsma u territorji differenti minħabba s-setgħat biżżejjed li dawn ikunu ngħataw.

Ir-raba' linja ta' difiża hija l-infurzar tal-liġi. Din tkopri l-prosekuzzjoni kriminali u tikkonċerna l-aktar il-pulizija, l-awtoritajiet ġudizzjali u awtoritajiet pubbliċi oħrajn li huma responsabbli mill-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja, inklużi ħidmiet illegali li huma ta' ħsara għall-interessi finanzjarji ta' l-UE. Flimkien ma' sanzjonijiet dissważivi, l-infurzar tal-liġi jista' jkollu effetti punittivi u preventivi. Fil-każijiet kollha hemm ħtieġa ta' superviżjoni għall-kooperazzjoni mill-qrib bejn dawk li jinfurzaw il-liġi u l-entitajiet li jagħmlu s-superviżjoni.

## 3. Sfond

L-aktar wieħed riċenti minn sensiela ta' skandli finanzjarji tad-dinja li kienu serji huwa dak tal-Parmalat. L-istħarriġ kriminali għadu għaddej u huwa kmieni wisq biex wieħed jiġbed konklużjonijiet definittivi. Jidher, madankollu, li l-Parmalat kellha telf annwali ta' bejn 350 sa 450 miljun Euro minn nofs is-snin disgħin sa l-2001. Jibqa' l-fatt, iżda, li l-kontijiet tal-kumpanija urew qligħ pożittiv. Bl-għajnuna ta' intermedjarji finanzjarji biljuni ta' bonds f'Euros kienu nħarġu minkejja l-istat finanzjarju ħażin tal-grupp. L-investituri bl-imnut spiċċaw bi proporzjon sostanzjali ta' dawn il-bonds. Għaliex dawn il-linji ta' difiża fallew?

Il-Parmalat kellha xibka ta' sussidjarji kumplessa, ħafna minnhom *offshore*, biex din tkun tista' tieħu vantaġġ minn ambjenti legali, finanzjarji u fiskali flessibbli. L-użufrutt ma kienx dejjem ċar. Din kienet tuża strutturi kumplessi li jinvolvu SPVs inkorporati f'OFCs biex ikun jista' jiġi ffinanzjat id-dejn tagħha u biex iżżomm partijiet kbar tan-negozju tagħha lilhinn mill-karta tal-bilanċ. Il-Parmalat – kumpanija tal-ħalib – użat sew l-inġinerija finanzjarja għaliex din użat dawn il-metodi għal perjodu ta' ħafna snin f'ħafna ġurisdizzjonijiet differenti barra u fl-Unjoni.

Il-kontrolli interni tal-Parmalat ma ħadmux kif suppost. It-tmexxija korporattiva u l-kontroll kienu neqsin, u dawn wasslu għall-waqgħa ta' l-ewwel linja ta' difiża.

Jidher li kien hemm ħafna nuqqas ta' awditjar, li wassal għall-waqgħa tat-tieni linja ta' difiża, li setgħet kienet megħjuna mill-mod kif aġixxew ċerti banek u banek ta' investiment, aġenziji ta' klassifika u analisti finanzjarji. Ċerti intermedjarji u konsulenti

mingħajr dubju kienu jafu li l-Parmalat kienet kapital riskjuż ħafna, imma uħud setgħu użaw dak it-tagħrif biss biex jgħaddu r-riskju fuq oħrajn biex inaqqsu kemm jista' jkun r-riskji tagħhom stess jew biex jakkwistaw aktar qligħ għalihom.

It-tielet linja ta' difiża wkoll jidher li falliet. Mingħajr dubju, problema waħda li tista' tiġri hija n-nuqqas ta' kooperazzjoni minn ġurisdizzjonijiet li huma *offshore*. In-numru biss ta' awtoritajiet involuti biex jikkontrollaw il-kumpaniji multinazzjonali u l-istituzzjonijiet finanzjarji li jinsabu f'ġurisdizzjonijiet differenti jista' jkun kbir ħafna u s-setgħat ta' infurzar jistgħu ma jkunux biżżejjed. Fuq livell nazzjonali ħafna drabi jista' jkun hemm ukoll iktar minn kontrollur wieħed.

L-użu ta' strutturi korporattivi kumplessi, imħallta ma' strutturi regolatorji kumplessi, jista' jdgħajjef il-kontroll u jwassal għal nuqqasijiet f'regolazzjoni u superviżjoni effettivi[3].

Meta wieħed iqis ir-rwol li l-banek, il-banek ta' l-investment, l-aġenziji tal-klassifika u l-analisti finanzjarji seta' kellhom fl-affari Parmalat, it-trasferiment tar-riskju għall-parti bl-imnut tas-sistema finanzjarja u n-nuqqas ta' trasparenza fis-suq tal-bonds tal-kumpaniji żgur jeħtieġu aktar attenzjoni. Minħabba li l-arranġamenti finanzjarji kumplessi ħafna drabi jintużaw biex iċajpru l-użufruttwarji ta' l-aħħar tal-kumpaniji, il-Kummissjoni se tistħarreġ x'azzjoni aktar tista' tittieħed.

## 4. X'jista' jsir biex jissaħħu l-erba' linji ta' difiża?

Il-linji kollha ta' difiża, meta meħudin flimkien, għandhom ikunu b'saħħithom biżżejjed biex jevitaw u jiskoraġġixxu l-imġiba ħażina tal-kumpaniji. L-elementi ewlenin huma: trasparenza msaħħa, traċċabbiltà imtejba u infurzar ikkoordinat aħjar. Kull wieħed minn dawn għandu valur fih innfisu iżda huma wkoll marbutin ma' xulxin. Eż. li jkun hemm regoli stretti fuq it-trasparenza, jew ir-rotazzjoni ta' l-awdituri, tgħin biss jekk dawn ikunu nfurzati.

Hawn taħt hawn lista ta' inizjattivi ta' l-UE biex ikunu infurzati l-erba' linji ta' difiża[4].

### 4.1. L-Ewwel linja ta' difiża – Il-kontrolli ta' ġewwa fil-kumpanija u l-kontroll korporattiv

Il-bordijiet tal-kumpaniji għandhom rabtiet ta' fiduċja lejn il-kumpanija stess, l-azzjonisti tagħha, kif ukoll lejn il-partijiet interessati b'mod ġenerali.

#### Livell ta' UE

Kif tħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni se:

- F'perjodu qasir[5], tiċċara r-responsabbiltà kollettiva tal-membri tal-bord għal dikjarazzjonijiet finanzjarji u tagħrif ewlieni ieħor li ma jkunx finanzjarju, issaħħaħ it-

---

[3] HSBC jopera f'79 ġurisdizzjoni u jgħid li għandu jittratta ma' aktar minn 370 awtorità b'nefqa ta' madwar 320 miljun Euro fis-sena. (Rapport ta' kull sena ta' l-HSBC Holding PLC pp 7 u 30). Wara t-tkabbir, se jkun hemm madwar 50 awtorità fl-UE weħidhom li se jikkontrollaw transazzjonijiet u prodotti ħafna aktar kumplessi.

[4] Fl-Anness 1 hemm imwaqqfa ftit inizjattivi internazzjonali

trasparenza dwar transazzjonijiet ta' bejn il-grupp ta' kumpaniji kif ukoll it-transazzjonjijiet ma' partijiet relatati (inklużi SPVs) u tobbliga biex ta' kull sena il-kumpaniji li hemm imniżżla jippubblikaw dikjarazzjoni ta' kontroll korportattiv;

- F'perjodu itwal, il-Kummissjoni se twaqqaf kriterji li jwasslu biex diretturi u kummerċ ħażin jiġu skwalifikati;

Ishma u bonds anonimi jistgħu jintużaw biex iċajpru l-użufruttwarji ta' l-aħħar kif ukoll l-andamenti finanzjarji. Il-Kummissjoni se tħares aktar mill-qrib lejn l-użu ta' dawn l-istrumenti u tagħmel proposti biex ittaffi dawn il-problemi.

Wara d-Direttiva fuq is-Swieq fi Strumenti Finanzjarji,[6] il-Kummissjoni se tistħarreġ it-trasparenza tas-suq tal-bonds, inkluż it-trasferiment tar-riskju fuq il-qasam bl-imnut. Skond ir-riżultat, jista' jkun hemm aktar inizjattivi.

## 4.2. It-tieni linja ta' difiża – terzi partijiet indipendenti

L-aktar terza persuna importanti hija l-awdituri. Iżda ma' dawn hemm ukoll kumpaniji ta' kontabbiltà, banek, bankiera ta' l-investiment u avukati, kif ukoll aġenziji ta' klassifika u analisti finanzjarji.

**Livelli ta' UE**

Wara l-Pjan ta' Azzjoni l-Kummissjoni *ghamlet proposta għal direttiva fuq l-awditjar permanenti* biex titlob *inter alia*: ir-responsabbiltà ta' l-awdituri tal-grupp kollu għall-kontijiet ikkonsolidati, kumitati ta' awditjar f'entitajiet ta' interess pubbliku, ir-rotazzjoni ta' l-awdituri u biex jissaħħu r-reġimi ta' sanzjonijiet[7].

Fil-qasam tal-kooperazzjoni doganali l-Kummissjoni *għamlet proposta għal regolament biex ikun evitat il-ħasil ta' flus*. Dan ir-regolament jeħtieġ il-kontroll tal-flus li jkun ibbażat fuq sistema ta' dikjarazzjoni għal ammonti li jkunu jlaħħqu aktar minn 15.000€. Dan jipprovdi wkoll għal setgħat u pieni biex l-awtoritajiet tad-dwana jkunu jistgħu jinfurzaw dan ir-regolament.

Bħala parti mill-FSAP il-Kummissjoni *għamlet proposta għal direttiva kontra l-ħasil ta' flus minn terzi partijiet* biex ikunu koperti wkoll dawk li jipprovdu servizz lill-kartelli u l-kumpaniji, anke jekk Franza, l-Isvezja, il-Greċja u l-Lussemburgu s'issa għadhom ma ttrasportawx kompletament it-tieni direttiva kontra l-ħasil ta' flus[8]. Il-proposta teħtieġ ukoll li l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li huma bbażati fil-Komunità japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' kontra l-ħasil ta' flus fil-fergħat kollha tagħhom jew fis-sussidjarji b'maġġoranza ta' ishma li jkunu jwettqu negozju *offshore*.

---

5 Fuq perjodu qasir tfisser qabel it-tmiem tas-sena 2004; fuq terminu medju tfisser qabel Diċembru 2005; u inizjattivi fuq perjodu twil tfisser wara l-2006.

6 Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-21 ta' April 2004.

7 Proposta għal Direttiva tal-PE u l-Kunsill fuq l-awditjar permanenti tal-kontijiet ta' kull sena u l-kontijiet ikkonsolidati u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE - KOM(2004)177 finali s-16 ta' Marzu 2004

8 Direttiva 97/2001/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2001 fuq il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għal ħasil ta' flus.

Fil-perjodu qasir *regolament se jagħti effett lis-VII Rakkomandazzjoni Speċjali ta' l-FATF fuq l-iffinanzjar terroristiku* u se jeħtieġ it-tagħrif oriġinatur kollu fuq it-trasferimenti elettroniċi ta' fondi kollha li jkunu ħallew l-UE.

Il-laqgħa tal-kunsill ta' l-ECOFIN li saret f'Oviedo fl-2002 kienet stiednet lill-Kummissjoni biex din tħares aktar mill-qrib lejn l-aġenziji ta' klassifika (CRAs) u l-analisti finanzjarji. Dwar dawn l-aġenziji hemm erba' punti li huma ta' interess: l-inċertezza legali fuq l-aċċess minn dawn l-aġenziji għal tagħrif intern minn min joħorġu, il-mod kif dawn l-aġenziji jwettqu l-valutazzjoni tal-klassifika tagħhom, l-ostakli biex dawn jidħlu fl-industrija, u l-kunflitti ta' interess. Nhar il-5 ta' Lulju 2004 il-Kummissjoni talbet lill-Kumitat tar-Regolaturi ta' l-Investimenti (CESR)[9] biex dan jistħarreġ dan il-qasam bħala bażi għal rapport tal-Kummissjoni li għandu jiġi ppreżentat qabel il-31 ta' Lulju 2005, kif kien meħtieġ mill-Parlament Ewropew.

Dwar *l-analisti finanzjarji*, il-punti ewlenin huma li jkun żgurat li l-kumpaniji ta' l-investiment ikollhom sistemi effettivi biex jevitaw jew jikkontrollaw il-kunflitti ta' interess, li l-interessi ta' l-investitur ikunu mħarsa u dawk li joħorġu l-investimenti juru mġiba tajba fin-negozju tagħhom ma' l-analisti. Fl-2005, il-Kummissjoni se tipproponi miżuri biex timplimenta d-Direttiva fuq is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji, fuq il-prevenzjoni u t-tmexxija tal-kunflitti ta' interess li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni ta' riċerka fuq l-investiment li tkun saret minn kumpaniji ta' investiment. L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Abbużi tas-Suq[10] twaqqaf reġim ta' kxif ta' tagħrif għar-riċerka ta' l-investiment li tkun tikkumplementa dan.

### 4.3. It-tielet linja ta' difiża – is-superviżjoni

L-Istati Membri għandhom jimplimentaw u jinfurzaw il-leġislazzjoni ta' l-UE. Il-kontrolluri nazzjonali għandhom rwol ewlieni hawnhekk u għandhom jikkooperaw fuq livelli lokali, ta' UE jew internazzjonali. In-nuqqas biex tkun implimentata jew infurzata l-leġislazzjoni ta' l-UE huwa ostaklu kbir ħafna biex tkun miġġielda l-imġiba ħażina korporattiva.

**Livell ta' UE**

Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni għamlet proposta għal Direttiva fuq l-Awditjar Permanenti li teħtieġ *superviżjoni pubblika ffinanzjata tajjeb, effettiva u indipendenti* għall-awdituri permanenti u l-kumpaniji ta' l-awdituri kollha, kooperazzjoni ta' bejn it-territorji, kif ukoll it-twaqqif ta' qafas biex ikun hemm kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Id-direttiva proposta għandha tkun adotta sa mhux aktar tard minn Ġunju ta' l-2005.

Fost l-Istati Membri, ħafna drabi jkun hemm aktar minn awtorità waħda li tkun involuta biex tikkontrolla l-istituzzjonijiet li jkunu jaħdmu fuq is-*swieq finanzjarji* tagħha. Dawn l-awtoritajiet differenti għandhom jikkooperaw biex jiżguraw li l-kontrolli regolatorji jkunu effettivi u tajbin.

Fuq livell Ewropew ttieħdu miżuri biex ikun hemm kooperazzjoni aħjar bejn il-kontrolluri, l-aktar biex jgħinu lill-Kummissjoni biex din tfassal miżuri ta' implimentazzjoni fuq livell

---

[9] Il-Kumitat tar-Regolaturi ta' l-Investimenti

[10] Direttiva tal-Kummissjoni 2003/125/KE

Ewropew[11]. Iżda huwa importanti wkoll li bejn il-kontrolluri tkun żviluppata kooperazzjoni ta' kuljum akbar. Eż. il-membri tal-CESR għandhom qafas għal kooperazzjoni volontarja[12]. Din tkopri l-ispezzjoni u l-infurzar tal-kontrolluri ta' l-investimenti ta', per eżempju, n-negozju intern, il-manipulazzjoni tas-suq u kull prattika ta' frodi jew manipulattiva oħra. Il-qafas jagħti lill-awtoritajiet firmatarji l-għażla li jwettqu stħarriġ konġunt, jaqsmu x-xogħol u r-reponsabbilitajiet u li jikkoordinaw l-azzjonijiet ta' ssuktar. Ir-responsabbiltà biex l-awtoritajiet superviżivi jikkooperaw bejn it-territorji fil-fatt iddaħħlet f'xi direttivi riċenti eż. fid-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq.

Il-CESR adotta standard fuq il-koordinazzjoni tal-ħidmiet ta' l-infurzar[13] u fuq it-tagħrif finanzjarju biex, *inter alia*, ikun żgurat li l-kontrolluri ta' l-UE jkunu jistgħu jiksbu tagħrif dwar deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu fl-UE. Il-CESR u Kumitati oħrajn jipprovdu wkoll għal sessjonijiet fejn il-kontrolluri jkunu jistgħu jikkoordinaw ix-xogħol tagħhom u jagħmlu bdil ta' esperjenzi. Madankollu, każijiet riċenti wrew li jista' jkun hemm ħtieġa biex tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni bejn il-kontrolluri, eż. billi stħarriġ konġunt isir obbligu fil-każijiet ta' kumpaniji kumplessi li jkunu jaħdmu f'diversi Stati Membri, billi jintuża pjan ta' riskju bħala bażi għas-superviżjoni, u billi jiġu żviluppati linji gwida għar-reviżjoni ta' l-istandard, inkluż il-pubblikazzjoni tar-riżultati biex tkun tista' ssir valutazzjoni ta' l-aħjar prattika.

Biex titqabbel il-kumplessità dejjem tiżdied tat-transazzjonijiet finanzjarji u tal-kontrolluri ta' l-istituzzjonijiet mill-qasam ta' l-investiment, il-qasam tal-banek u dak ta' l-assikurazzjoni jeħtieġ jikkooperaw aktar mill-qrib. Għandu jkun hemm qsim tax-xogħol aktar ċar bejn il-livell Ewropew u dak nazzjonali, eż. billi jiġu ttrattati istituzzjonijiet kumplessi li jaħdmu bejn it-territorji fuq livell Ewropew.

Biex *titjieb it-trasparenza tas-sistemi tat-taxxa* huwa meħtieġ li jitħaffef l-aċċess għal, u li jsir il-bdil ta' tagħrif. It-tagħrif li jkun disponibbli għal kontrolluri oħrajn jista' jkun rilevanti għal għanijiet ta' taxxa, u dan jista' jingħata lill-awtoritajiet tat-taxxi, barra l-għan ta' kooperazzjoni ġudizzjali, biex ikunu identifikati aħjar l-istruttura u l-post tal-grupp f'ċentri li jkunu *offshore*.

Biex titħaffef it-traċċabbiltà ta' l-andamenti finanzjarji bejn il-kumpaniji u biex l-awtoritajiet tat-taxxa jiksbu tagħrif fuq il-benefiċjarji ta' dawn il-kumpaniji, il-Kummissjoni se tistħarreġ fuq perjodu twil, flimkien ma' l-Istati Membri, il-possibbiltà li għall-kumpaniji jintuża numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa diretta wieħed biss, kif ġara fil-każ tan-numru tal-VAT.

Biex jitneħħew l-ostakli li jkun għad fadal biex isir il-bdil ta' tagħrif bejn l-awtoritajiet tat-taxxa, għandhom jitqiesu l-aktar żewġ punti importanti. L-ewwel, jeħtieġ ikun eżaminat jekk il-limitazzjonijiet ta' bħalissa dwar id-Direttiva ta' l-Għajnuna Reċiproka[14] ikunux

---

11 Il-Kumitat ta' l-Investimenti Ewropew (ESC), il-Kumitat ta' l-Operazzjonijiet Bankarji Ewropew (EBC), il-Kumitat ta' l-Assikurazzjoni u l-Pensjoni Ewropew (EIOPS); il-Kumitat tar-Regolaturi ta' l-Investimenti Ewropew (CESR); il-Kumitat ta' l-Assikurazzjoni u l-Kontrolluri tal-Pensjoni Okkupazzjonali (CEIOPS) u l-Kumitat tal-Kontrolluri ta' l-Operazzjonijiet Bankarji (CEBS).

12 Il-Memorandum Multilaterali fuq il-Bdil ta' Tagħrif dwar Ħidmiet ta' Investiment ta' Jannar 1999

13 CESR / 03-317c

14 L-aktar l-Artikolu 8 tad-Direttiva ta' l-Għajnuna Reċiproka li timponi "l-ebda obbligu fuq Stat Membru li jiġi mitlub informazzjoni biex jitwettqu investigazzjonijiet jew biex jiġi kkomunikat informazzjoni, jekk ikun kontra l-leġislazzjoni tiegħu jew il-prattika amministrattiva għall-

jostakolaw il-bdil ta' tagħrif kif ukoll is-sejbien ta' strutturi kumplessi bħal dawk li kienu ntużaw fil-każ tal-Parmalat, u jekk inhu hekk, jekk ikunx aħjar li dawn jiġu emendati biex mill-inqas ikunu jistgħu ikollhom x'jaqsmu mat-tassazzjoni korporattiva. It-tieni, l-UE għandha tqis ix-xogħol li qed isir mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD) biex jitjieb l-aċċess għat-tagħrif tal-banek għal għanijiet ta' taxxa u biex ikun mistħarreġ kif dawn l-iżviluppi jistgħu jiġu riflessi fl-istrumenti tal-Komunità ta' bħalissa.

Fuq terminu ta' perjodu qasir għandha titmexxa 'l quddiem <u>*kooperazzjoni amministrattiva mtejba*</u> bl-użu aħjar ta' l-istrumenti ta' l-UE ta' bħalissa u bil-bdil ta' l-aħjar prattiċi bejn l-Istati Membri. Is-seminars Fiscalis[15] għandhom jindirizzaw dan b'attenzjoni fuq il-mod kif ikunu ttrattati każijiet ta' frodi ta' taxxa li jinvolvu strutturi korporattivi kumplessi.

F'terminu medju, il-kooperazzjoni amministrattiva tista' titjieb billi jitwessa' l-għan għal stħarriġ konġunt f'materji li għandhom x'jaqsmu mat-taxxa diretta[16] bejn l-Istati Membri differenti u, fuq livell nazzjonali, bejn is-servizzi differenti.

F'terminu itwal, meta titqies l-esperjenza dwar il-bdil awtomatiku ta' tagħrif mid-Direttiva fuq it-tassazzjoni u d-dħul ta' tifdil, jista' jkun mistħarreġ jekk din il-prattika tistax titwessa' għal oqsma oħrajn ta' taxxa diretta jew għamliet oħrajn ta' dħul, possibbilment billi jsir użu aħjar ta' tekonoloġiji ġodda bħalma huma s-sistemi ta' sigurtà li jeżistu bħalissa fuq livell ta' Komunità[17]. Dwar il-bdil ta' tagħrif meta ssir talba, proċeduri mħaffa jistgħu jgħinu biex ikun hemm tweġiba aktar mgħaġġla u aktar effettiva f'każijiet ta' frodi jew evażjoni ta' taxxa, waqt li jkunu jistgħu jiġu żviluppati definizzjonijiet komuni ta' dawn il-kunċetti għall-għanijiet ta' taxxa diretta skond ix-xogħol ta' l-OECD f'dan il-qasam.

F'perjodu qasir, il-Kummissjoni se taħdem ma' l-Istati Membri biex tiżviluppa proposti konkreti mmirati lejn każijiet ta' <u>*frodi u evażjoni ta' taxxa li jinvolvu strutturi kumplessi u li mhumiex ċari*</u>, bħalma huma dawk użati mill-Parmalat.

Sforzi biex jitjiebu t-trasparenza u l-bdil ta' tagħrif ikollhom effett żgħir biss jekk dawn ikunu limitati għall-UE. Il-Parlamat użat strutturi mhux trasparenti li kienu ġew offruti lilha minn ġurisdizzjonijiet *offshore*. Għalhekk, l-Unjoni Ewropea għandha <u>*taħdem biex ikun hemm aktar trasparenza u bdil ta' tagħrif ma' pajjiżi terzi kif ukoll ma' territorji dipendenti assoċjati*</u> biex ikunu żgurati l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawn fuq bażi ġeografika kemm jista' jkun wiesgħa. Biex isir hekk, <u>*hija meħtieġa konsistenza aħjar biex tkun iddefinita l-politika ta' l-UE lejn postijiet kooperattivi jew non-kooperattivi li jkunu joffru kenn mit-taxxa*</u>. Issa wasal iż-żmien biex ikun hemm azzjonijiet konkreti biex ikun żgurat li l-imsieħba tagħna jkunu tassew trasparenti.

---

awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat li jmexxu tali investigazzjonijiet jew li jiġbru l-informazzjoni mfittxija".

15 ID-DEĊIŻJONI Nru 888/98/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL tat-30 ta' Marzu 1998 li twaqqaf programm ta' azzjoni tal-Komunità biex jitjiebu s-sistemi tat-taxxa indiretta tas-suq intern

16 Ir-Regolament 1798/2003 diġà jipprovdi biex isir stħarriġ konġunt fil-qasam tat-taxxa indiretta

17 Il-pjattaforma CCN/CSI

L-ewwel, l-imsieħba ta' l-UE għandhom jappoġġjaw it-trasparenza u l-bdil ta' tagħrif fl-oqsma finanzjarji u tat-taxxa fir-rabtiet tagħhom ma' l-UE. Il-Kummissjoni beħsiebha tiddiskuti dan fid-djalogu tal-politika tagħha ma' pajjiżi terzi u territorji dipendenti, u possibbilment meta din tkun qed tinnegozja jew taġġorna ftehim ta' assoċjazzjoni, bil-ħsieb li tidentifika metodi possibbli 'l quddiem. Dan jista' jkun jgħodd għan-negozjati li jkunu qed isiru bħalma huma l-ftehim ta' sħubija ekonomika mal-pajjiżi ta' l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku jew oħrajn. Barra dan, biex jinkisbu l-għanijiet tagħha, l-UE għandha tkun lesta li tgħin pajjiżi msieħba biex ipoġġu fis-seħħ regoli reġjonali fuq dawn il-punti. Madankollu, dan m'għandux jitqies bħala mezz immirat biex titwaqqaf bażi għall-kundizzjonalità jew l-għażla, iżda bħala għodda għal titjib prattiku fl-istandards.

It-tieni, azzjonijiet pożittivi jistgħu jgħinu lill-imsieħba kooperattivi biex jegħlbu diffikultajiet regolatorji, tekniċi jew ekonomiċi meta dawn ikunu qed idaħħlu aktar trasparenza, fl-għamla ta' għajnuna teknika msaħħa, fejn l-UE kollha jkollha esperjenza sostanzjali, jew b'xi għamla ta' appoġġ ekonomiku għal perjodu limitat ta' żmien. Hemm diversi strumenti li huma disponibbli, eż. il-ftehim Cotonou. Ir-reviżjonijiet ta' kull sena u ta' nofs it-terminu tal-Karti ta' l-Istrateġija tal-Pajjiż jistgħu jwasslu biex ikun hemm azzjonijiet xierqa. Il-Kummissjoni se tissorvelja l-effiċjenza u l-progress li jkun sar mill-OFCs biex ikun hemm aktar trasparenza.

It-tielet, l-implimentazzjoni tar-rabtiet tal-postijiet kooperattivi li joffru kenn mit-taxxa, u ta' regoli ta' trasparenza, tistrieħ fuq ftehim bilaterali ta' bdil ta' tagħrif ma' pajjiżi individwali li huma membri ta' l-OECD. Il-Kummissjoni tirrakkomanda biex l-Istati Membri ta' l-UE jtemmu kemm jista' jkun malajr dawn il-ftehim.

### 4.4. Fir-Raba' linja ta' difiża – il-ħidma ta' l-infurzar tal-liġi

L-istħarriġ u l-prosekuzzjonijiet flimkien ma' sanzjonijiet dissważivi għandhom effett preventiv u ripressiv. L-Istrateġija tal-Millenju[18] tat rakkomandazzjonijiet dwar: il-penetrazzjoni ta' persuni legali minn gruppi ta' kriminalità organizzata, frodi ta' taxxa, l-avviċinar tal-leġislazzjoni dwar l-iżgħar livelli ta' elementi kostitwenti ta' reati ta' kriminalità finanzjarja u r-reviżjoni tal-leġislazzjoni dwar it-tisjib, l-iffriżar u l-konfiska ta' l-assi kriminali. L-iScoreboard[19] jirrevedi l-progress tal-miżuri li jkunu ġew adotatti jew li jkunu se jiġu adottati.

Fl-2001 kien hemm qbil fuq Deċiżjoni ta' Qafas (FD)[20] biex ikun żgurat li ċerti għamliet ta' frodi jitqiesu bħala reati kriminali u jkunu suġġetti għal sanzjonijiet dissważivi fl-Istati Membri kollha. FD ta' Ġunju 2001[21] għandha l-għan li tiżgura li l-Istati Membri jippermettu l-iffiriżar u l-konfiska ta' assi maħsula u li l-ħasil ta' flus ikun jgħodd għal

[18] Il-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Kriminalità Organizzata: Strateġija ta' l-Unjoni Ewropea għall-Bidu tal-Millenju l-Ġdid, ĠU C 124 tat-03.05.2000, p. 1

[19] Aġġornament Biannwali ta' l-iScoreboard biex Jirrevedi l-Progress fuq il-Ħolqien ta' Żona ta' "Ħelsien, Sigurtà u Ġustizzja" fl-Unjoni Ewropea (it-Tieni Nofs tas-sena 2003) it-30.12.2003 KOM(2003)812 finali

[20] Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 biex ikunu miġġielda l-frodi u l-iffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas li ma jinvolvux flus kontanti (2001/413/JHA) ĠU L 149 tat-02.06.2001 p.1

[21] Deċiżjoni ta' Qafas fuq il-ħasil ta' flus, l-identifikazzjoni, it-tisjib, l-iffriżar, it-teħid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità. 2001/500/JHA ĠU L 182 tal-05.07.2001

skala wiesgħa ta' reati. Rapport ta' implimentazzjoni[22] kien ikkonkluda li ħafna mill-Istati Membri kienu implimentaw din id-FD.

L-Istati Membri kollha għandhom it-Taqsimiet ta' l-Intelliġenza Finanzjarja (FIUs). Minħabba li l-ħasil ta' flus m'għandux limiti, il-kooperazzjoni effettiva bejn il-FIUs hija importanti. Fuq livell ta' UE, din il-kooperazzjoni hija indirizzata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Ottubru 2001[23]. Il-Kummissjoni tappoġġja finanzjarjament il-kooperazzjoni bl-FIU NET, li għandha l-għan li twaqqaf pjattaforma ta' komunikazzjoni awtomatizzata.

FD ta' Lulju 2003 twaqqaf il-prinċipji ta' għarfien reċiproku dwar ordnijiet biex ikunu ffriżati l-proprjetà u x-xhieda. Abbozz ta' FD fuq l-armonizzazzjoni tal-miżuri ta' konfiska[24], jistabbilixxi li jekk persuna tinstab ħatja ta' reati ta' kriminalità organizzata, l-Qorti tista' tordna l-konfiska ta' l-assi anke jekk dawn ma jkunux il-qligħ li jkun sar mill-kriminalità li għaliha l-persuna tkun instabet ħatja. Dan l-abbozz ta' FD għadu suġġett għal riservi parlamentari, minkejja li dwar dan kien hemm ftehim fuq avviċinament ġenerali f'Diċembru 2002. It-tielet abbozz ta' FD iwaqqaf l-għarfien reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska bejn l-awtoritajiet ġudizzjali ta' l-Istati Membri[25]. Dwar dan kien hemm ftehim fuq avviċinament ġenerali f'Ġunju 2004, iżda għadu suġġett għal numru ta' riservi parlamentari mill-Istati Membri.

**Livell ta' UE**

